Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,621, 6 ta' Mejju, 2021
Taqsima B

A.L. 206 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku (Emenda Nru 4) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 59.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "swieq fil-beraħ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "spas, fieri".